# *L-ORATORJU – STORJA TA' KWAŻI SEKLU LI TMUR AKTAR 'IL BOGĦOD*

**Kitba ta' Philip Xuereb**



Kmieni fis-seklu dsatax kienet inħasset il-ħtieġa li f'Birkirkara, it-tagħlim nisrani tat-tfal ikun organizzat aħjar. Għalhekk, fl-1820 kienet twaqqfet Fratellanza tad-duttrina magħmula prinċipalment minn lajċi. Din imbagħad kienet iġġeddet fl-1857.

Biss fil-bidu tas-seklu għoxrin, kien hawn is-saċerdot żagħżugħ, Dun Mikiel Sammut magħruf bħala *Tal-Motros*, li kien iħabrek ħafna fix-xirka tad-duttrina li kien hemm dik il-ħabta, meta t-tagħlim kien isir l-aktar fil-knisja Tal-Ħerba u knejjes żgħar oħra u f'xi postijiet oħra wkoll.

Iżda Dun Mikiel kien midħla tas-Sależjani, li fl-1908 fetħu l-ewwel oratorju f'tas-Sliema. Għalhekk ġieli nhar ta' Ħadd kien jieħu miegħu xi ġuvnott f'dak l-oratorju biex huma wkoll jidraw u jitgħallmu s-sistema tagħhom. Kien aktarx minn hemm li permezz tas-Sur Alfons Marija Galea, iltaqa' man-Nutar Mikiel Luigi Casolani u martu Giulia li riedu jagħmlu xi opra ta' ġid u pperswadihom jibnu l-Oratorju f'Birkirkara, li kellu jkun ukoll immexxi mill-istess Sależjani.

F'Marzu ta' l-1910 bdiet tinbena l-kappella li kienet dedikata lil Marija Awżiljatriċi bħal fil-postijiet tas-Sależjani. Din kienet lesta u inawgurata fl-aħħar ta' Lulju, imma l-Oratorju ssemma għal San Duminku Savio. It-tfal subien kienu jinġabru hawn għal-logħob, iżda t-tagħlim tad-duttrina lis-subien tan-naħa tal-wied kien isir fil-knisja ta' San Pawl bħala *annexe*. Fis-snin tletin minflok bdiet tintuża l-iskola l-ġdida ta' Triq Brared.

Is-Sależjani mexxew l-Oratorju f'kollox kif kienu jmexxu l-oratorji l-oħra tagħhom, inklużi l-attivitajiet tal-palk u l-brigade. Iżda wara sentejn is-Sależjani ma setgħux ikomplu u ndaħlu għalih il-Freres, li fl-erba' snin li kienu damu hawn kienu waqqfu fih ukoll skola: *St. Helen's Preparatory School*. Fl-1913 kienet saret fl-Oratorju attività għad-delegati Franċiżi, inklużi kardinali u isqfijiet, tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'pajjiżna. Iżda dawn kellhom iħalluh fl-1916 meta kompla jmexxih Dun Mikiel Sammut u ħuh Dun Ġużepp, bil-għajnuna tas-Sorijiet Missjunarji ta' Marija, li dik il-ħabta kellhom dar fil-qrib, u li jidher li kienu tħajru jmexxu l-Oratorju huma.



Madankollu, Dun Mikiel dejjem baqa' jaħseb kif l-Oratorju jkun jista' jibqa' jitmexxa b'mod definittiv u kien għalhekk li fl-1927 l-Oratorju ta' Birkirkara ngħata lil Monsinjur Ġużeppi De Piro, fundatur tas-Soċjetà (Missjunarja) ta' San Pawl, f'isem din l-istess soċjetà, li għadha tmexxih sal-lum.

Minn dawk l-ewwel żminijiet ta' l-Oratorju ħarġu bosta rġiel li ħallew isem f'diversi oqsma bħal: Sir Anthony Mamo; l-entomologu Anthony Valletta; is-Sależjan Carmelo Galea, kittieb ta' drammi u oħrajn. Iżda ta' min jinnota li waqt li għal dawn u oħrajn diġà ssemmew toroq, kif inhu xieraq għas-sehem li taw, għadha ma ssemmietx triq għal Dun Mikiel Sammut li kien l-istrument ewlieni biex sar l-Oratorju u wkoll prominenti fil-formazzjoni ta' dawn, u ta' tant u tant subien ta' Birkirkara sa' l-1927 meta miet.

Sitt snin wara miet ukoll Mons. De Piro, u l-Oratorju bata wkoll mill-kriżijiet li batiet minnhom is-soċjetà wara dik it-telfa. Hawnhekk, iżda, fl-1928, il-Monsinjur kien waqqaf l-*Edukandat S. Marija* għal żgħażagħ aspiranti li riedu jidħlu fis-soċjetà. Dan dam fl-Oratorju daqs għaxar snin. Dik is-sena wkoll f'Birkirkara kien iċċelebrat bil-kbir il-ħmistax-il ċentinarju ta' S. Liena, u għall-okkażjoni kienet saret ikla għall-fqar fis-sala ta' l-Oratorju. Sadattant meta wara l-1935 ma baqgħux jiġu ċċelebrati festi fil-Kolleġġjata, bdiet tingħata spinta lill-festa ta' l-Awżiljatriċi, li sa dak iż-żmien kienet issir sempliċement bħala l-festa ta' l-Ewwel Tqarbina tas-subien tar-raħal. Hafna drabi kien jieħu sehem il-kapitlu Elenjan u l-bqija tal-kleru, hekk kien isir ukoll fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù.

Fit-Tieni Gwerra Dinjija, l-Oratorju, mal-bqija ta' Birkirkara, kellu jgħaddi

minn bosta esperjenzi li ġabet dik l-emerġenza. Hekk għal żmien qasir tqiegħdu fih ir-refuġjati. Imbagħad inġab hawn is-Seminarju maġġuri wara li kien intlaqat bil-bombi dak tal-Furjana. Reġgħu ġew ukoll il-Freres li waqqfu hawn xi klassijiet ta' l-iskola minflok dik tal-Kottonera li kienet evakwata. Minkejja li Birkirkara kienet 'il bogħod mit-*target areas*, kellha sehemha wkoll mill-bombi ta' l-għadu. Waħda minn dawn waqgħet f'għalqa li kien hemm quddiemu u fost ħsarat minuri oħra, kien intlaqat il-frontispizju tal-kappella.

Wara l-gwerra, is-Soċjetà ta' S. Pawl bdiet tibgħat il-missjunarji tagħha ma' l-emigranti Maltin lejn l-Awstralja, imbagħad f'postijiet oħra wkoll. L-ewwel fost dawn kien Dun Wistin Grech, li kien Direttur ta' l-Oratorju, mnejn fl-1948 telaq għall-missjoni. Matul is-snin ħamsin u sittin speċjalment bosta membri tas-Soċjetà li kienu jagħtu servizz fl-Oratorju, kienu mbagħad imorru għall-missjoni. F'dawn l-istess għoxrin sena, l-Oratorju kien immexxi mill-ħabrieki Dun Anton Camilleri. Fi żmienu barra li kompla kkonsolida t-tagħlim tad-duttrina u l-attivitajiet eżistenti bħal dawk tal-palk, introduċa ċ-ċinema (1950), organiżża l-isport, l-aktar il-futbol u rranġa l-*ground* (1956), fetaħ l-Oratorju bħala ċentru għal żgħażagħ ġuvintur u waqqaf is-S. Paul Brigade (1961). Kien ukoll il-mutur wara bosta ħidmiet fil-kappella, fost dawn ta' min isemmi l-vara titulari (1965) u s-sett tal-qniepen (1959).

Għall-aħħar tas-snin sittin bdew jingħataw tagħlim tad-duttrina fl-Oratorju l-bniet ukoll u fl-1971 iċ-ċentru beda jilqa' fih ukoll tfajliet żgħażagħ. Issa



kien imexxi l-post Dun Klawdju Borg li kien ġie lura wara ħmistax-il sena fil-missjoni ta' l-Awstralja. Huwa kompla wessa' l-ħidmiet u l-attivitajiet hekk li bdiet tinħass il-ħtieġa ta' aktar spażju u faċilitajiet. Għalhekk kien żied xi kmamar ma' ġenb is-sala l-antika u dik tal-biljard.

Iżda l-aktar żviluppi li saru fl-Oratorju sa mit-twaqqif tiegħu, kienu dawk ta' bejn l-1982 u l-1991 meta kien Direttur Fr David Azzopardi, meta waqt li ssaħħew strutturi u attivitajiet eżistenti, ġew introdotti bosta oħrajn ġodda waqt li oħrajn ingħataw ħajja ġdida: żviluppi fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa, twaqqif mill-ġdid tas-S. Paul's Brigade, twaqqif tal-*prayer group* Koinonia, grupp: *Nikbru Flimkien* għal żgħażagħ fil-livell sekondarju u post sekondarju ta' l-islola, attivitajiet komunitarji varji, inizjattivi ġodda fl-isport.



Imma l-aktar importanti kien il-ħsieb, tfassil u twettiq tal-proġett: *Tagħlim Nisrani Aħjar*, li ta lill-Oratorju l-istruttura fiżika li għandna llum bi klassijiet ġodda għad-duttrina, sala ġdida u kbira bil-palk li tista' tintuża għal bosta attivitajiet, tiġdid u titjib fil-*ground* u faċilitajiet oħra. Dan kien sforz ta' kooperazzjoni fl-aqwa tagħha bejn id-direzzjoni u l-komunita ta' madwar l-Oratorju, li ħadmu u kkontribwew għall-attwazzjoni tiegħu, tista' tgħid b'kull mod immaġinabbli. Ix-xogħol kien inbeda fl-1986 u inawgurat fl-1990.

Il-Kanonku Dun Mikiel Sammut – ideatur u promutur ta' l-Oratorju ta' Birkirkara (1910).

Monsinjur Ġużeppi De Piro, fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, imdawwar minn tfal u katekisti fl-Oratorju (ca. 1927).

Il-kappella ta' l-Oratorju, dedikata lill-Awżiljatriċi, fil-jiem tal-festa (snin tmenin).

Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca jiffirma l-parċmina waqt it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-proġett: *Tagħlim Nisrani Aħjar – 2.11.86.*